# KELMTEIN

FUQ

# IS-SAHHA TAL ULIED

TAT-TABIB

## FABRIZ BORG

*Tunde latera ejus dum infans est ne forte induret.*

ECCLESIAST:

GIOVANNI GULIA
Farmacista
MALTA

MALTA
Minn ḡand C. Busuttil, Str: Forni Nru. 133.
1884.

B'TIFKIRA

TA OMMI IL ĠAŻIŻA

# MARIANNA

MEITA TA 51 SENA

FID-9 TA NOVEMBRU 1883

DAUN IL KELMTEIN

NIKTEB.

## Lil Ommïet

*Id-deni dlonk yinjieb mill ommïet bla ma iridu, billi ma yafux x'imissu isir.*

Tanner.

*Min yieħu nitfa tas-sabar u yati daqqa ta ġain fuq il meut tat-trabi, yara illi ma dwar it-tliet mitt tifel (subien u bniet) yitilfu ħayyithom kull xahar, mit-tlieta waħda kollha taħt is-sena; daun it-trabi imutu min b'imsarnu, min bil bicca, imma il kotra bis-snien. Yena naħseb illi ġallinqas nofs daun it-tfal imutu ġaliex iridu nieshom; mhux ġaliex ma iħobbuhomx, imma ġaliex ma yibżġulhomx ġal saħħithom qabel ma yarauhom tilfuha. Wisq drabi ħaja ta xein, ġaliex tħalliha tġaddi il quddiem, tibqa' seira sa kemm ittemm il ħayyà. Redġa barra minn waqtha, nitfa*

*aria iżyed yeu anqas, ftit ilma kiesaħ yeu sħun aktar milli yixraq, huma biż-żeyyed sabiex yoqtlu tarbïa. Kullħadd yaf illi min metitlu ommu yeu missieru b'sidhirhom, għandu id-disgħa u id-disgħin fil mïa li yeħel b'dik il marda; li l-imjienen yagħmlu tfal li għad ikunu mjienen bħalhom yeu ibatu b'tal qamar; tal puplesïa bil puplesïa; u li it-tfal tax-xyuħ yeu taż-żagħżagħ wisq ma ikunux deyyem b'saħħithom. Yekk lil daun l-ulied il mard intom taħsbulhom kmieni, għandkom mnein is-saħħ'ħuhom u tkabbruhom; iżda yekk titilquhom għal ruħhom mingħair ma tarau għandhomx ikel yeu rqad biż-żeyyed, intom titilfuhom meta inqas taħsbu: yekk ma imorrux mal ewwel żmien, fit-tlugħ tas-snien, yeu meta yitfarfru ftit, imorrulkom żgur. Min yaf kemm ommïet yidhrilhom li ikunu yibżgħu għal tarbïa, igezzuha, igħattuha u yibqgħu biex yitilfulha nifsha? Min yaf kemm oħrain biex ma imerux l-uliedhom, iħassrulhom l-istonku bicceiciet biex ma yarauhomx yibku. Oħrain imbagħad iħassrulhom saħħithom għaliex iħaddmuhom aktar milli yifilħu tant fix-xogħol tal*

*jisem kemm ukoll f'tal moħħ. Dana kollu* dlonk yinjieb mill ommïet bla ma iridu, billi ma yafux x'imissu isir. *Ftakru deyyem tayyeb fi kliem il ġorrief; illi yekk is-sijra tħalliha titġawwej meta tkun ġadha xteila la tixraf tibqa' kif kienet u ma tissewwiex.*

*Dana kollu li semmeitilkom, din il ħsara kollha li wieħed yaġmel minġair ħtïa tiġu, jaġalni nijbor mill aħyar li nista' xi erba' kelmiet sabiex nurikom x'inhu li ġandu isir fit-trobbïa tat-tfal; x'inhu l-ikel li ġandhom ikollhom; kif ġandhom yitlibbsu; x' ħin u kemm yinħaslu; kemm yorqdu u yoħorju ġall aria; kif iġaddu iż-żmien fil-loġob u ix-xoġol; f'kelma waħda biex trabbu l-uliedkom bis-saħħa u il quddiem issibuhom ta ġaxqa u ġainuna fi xyuħitkom, kif yen mill qieġ ta qalbi nixtiqilkom.*

*F. B.*

# IS-SAĦĦA TAL ULIED.

## I.

## IL ĦASIL.

Nistħayyel illi tidħku bïa meta nḡidilkom' illi it-tfal malli yitwieldu iridu il ħasil, ḡaliex dina yafha kull-ħadd u ilha minn żmien żemżem; iżda nibża' wisq illi m'hux ilkoll tafu kif ḡandu isir dan il ħasil; ḡalhekk xi kelmtein fuq fuq yidhirli li ma yaḡmlux ħażin. Ma noqḡodx insemmilkom dak li ḡandkom taḡmlu malli titwieled it-tarbïa, ḡaliex dana tieħu ħsiebu il qabla yeu min ikun idur biha; biss irrid inḡidilkom li fil ħasil taḡha ḡandkom tiftakru:

Illi il lenbïa ḡandha tkun lixxa (ta Franza) minḡair ħotob u nadifa sewwa;

Illi it-tarbïa ma tqeġduhiex bil qieġda fil lenbïa ġaliex ġadamha ikun ġâdu artab; u illi iddaħħluha sa ġonqha fl-ilma wara illi tbixxulha nitfa rasha;

Illi l-ewwel taħslilha wiccha imbaġad rasha, biex xi frak yeu xi ħaj'oħra ma imurx f'ġaineiha;

Illi biex tixxuttauha ġandkom tqeġduha fuq mħadda ratba u m'hux tqallbuha minn haun u minn hinn f'ħojor min yaħsilha;

Tixxuttauha billi idawwrulha maġha xugaman artab u ftit sħayyen biex yixrob minn fuqha l-ilma, u m'hux toġorquha;

Tixxuttauha tayyeb wara widneiha, taħt spalleiha u fir-rokon kollha fein yista' yinselaħ ġax iżommu l-ilma, u taġmlulha fihom xi trab tar-rħam yeu *terra*—qatt ma ġandkom taġmlu il *biankett*, ġaliex dan fih ic-comb li hu tosku, u yekk yinxorob mill jisem yaġmel id-deni;

Dan il ħasil għandu isir ta kull fil għodu, u fil għaxïa tarja taħsilha mqar minn sdirha l-isfel, biex tneħħilha xi ħweyyej li yistgħu yinqalgħu mal jurnata, u ma tagħmlux ħażin yekk tagħdduha ftit bl-isponża xi darbtein yeu tlieta mal jurnata ukoll.

Fi ftit kliem ħasil sewwa—tibżgħux mill ilma — xuttar aħyar, moħħkom f'għaineihom u fit-tijriħ; l-ilma la sħun wisq u l-anqas kiesaħ, imma ftit aktar sħun mill ħalib.

Hemm xi uħud minn-nies illi yibżgħu ineħħu lit-trabi dik il qoxra li titrabba fuq jbinhom u li igħidulha tal ħalib; dauna kollha ħmerïet u min irid iżomm l-uliedu ndaf għandu ineħħihielhom bi ftit ilma fietel u sapun.

Mwassla it-tarbïa sas-sena, il ħasil ma għandux yinqata', iżda f'lok kull yum yista' wieħed yaħsilhom kull yumein yeu tlieta; l-ilma deyyem inqas sħun, sakemm tagħmluh kif yitla' mill bir bla ma issaħħnuh xein.

It-tfal mic-cokon ḡandhom yidrau iħobbu l-ilma, ḡaliex l-indafa hïa ħaja sabiħa wisq u oħt is-saħħa. Minn jisimna kull ħin ħierej il ḡaraq li yinxef fuqna; dan ma ħweyyej oħra li nistḡu ncappsu maḡna iżommna deyyem maħmujin, u il ħweyyej fuq il jisem barra mill qżeżïet li yista' ijib, barra minn dik ir-riħa miżża li ix-xomm fuq in-nies kollha li m'humiex ħbieb tal ilma, yista' imarrdilna il jilda; u dauk il ħafna kocci, dak il ħżież u dauk il fauriet li ikollhom xi tfal tista' tḡid deyyem ikunu mijyubin minn-nuqqas tal ħasil; l-aktar imbaḡad billi huma, ḡaliex ḡadhom bla ḡaqal, deyyem issibhom icafalsu fit-tain u yitmieḡku f'kull ma isibu, u deyyem imgermdin.

Fis-saif imbaḡad, sakemm ma yieħux il bard, il baħar yaḡmel jid kbir wisk.

---

## II.

## IL LBIES.

Meta tiju biex tlibbsu it-tarbïa għandkom ijjibu quddiem għaneikom żeuj ħweyyej: waħda illi it-tfal għac-cokon tagħom ma yifilħux yerfgħu wisq, u l-oħra illi billi huma yiksħu malair għandhom bżonn ħweyyej illi iżommuhom deyyem sħan; għaldaqshekk huma iridu il lbies m'hux tqil wisq u fl-istess żmien li isaħħan. Il franella hi taiba wisq għalhekk, u wara li taħslu it-tarbïa u tixxuttauha tayyeb, l-ewwel ma għandkom iddawwru magħa għall laħam hïa faxxa tal franella, wiesgħa xi nofs xiber u twila kemm iddur magħa xi darbtein yeu tlieta; din iżda għandha iddur magħa bil għaqal biex ma tagħfsilhiex sidirha u iżżommilha innifs. Fuq din tiji qmis ckeikna u qasira tat-tayyar yeu tal franella bil kmiem twal u tinqafel wara, u imbagħad

fl-aħħar il ħrieqi tal ġażel u tal franella illi idawwrulhom jisimhom kollu, u li yinżammu maġluqa bil fisqïa.

Tayyeb wisq illi ġall ewwel wieħed ifisqihom xi ftit mħabba fir-rtubïa ta ġadamhom, iżda din il fisqïa ġandha tkun ta xi drapp artab ħalli ma ikunux donnhom qeġdin jo katusa. In-naħħa t'isfel il ħrieqi ma ġandhomx yinqalbu ġal fuq is-saqain, imma ġandhom yibqġu mitluqa sabiex yistġu yitwarrbu meta it-tarbïa tixxarrab. Tayyeb ukoll illi din it-taġmira tat-tarbïa tissaħħan ftit qabel ma tinfirex. Ir-ras deyyem ġandha tinżamm friska, u ġalhekk ġall ewwel żmenïet wieħed yaġmlilhom kappun ħafif ħafif tat-tayyar u m'hux tassuf, u idarrihom minġairu ġal kollox la yitfarfru xi ftit ieħor; tara kull skufia mġobbïa bil bizzilli u iż-żagarelli kemm kemm tiflaħħa f'rasha tifla ta ħames snin. Yista' yaġmlilhom ħażin yekk id-dirġain u l-idein ma ikunux miżmumin sħan.

Wara ħmistax yeu xahar l-a qwa, il

fisqïa sħiħa għandha titneħħa, u wieħed itiħom żeuj dawriet il fuq biex iżommilhom ftit daħarhom; saqaihom iridu yoqgħodu mingħair xkiel, u torbtilhom beiniethom nofs maktur bħal sarwan biex iżommhom sħan l-isfel; it-tarbïa ma tistax tgħid xi tkun tħoss f'saqaiha marbuta, iżda il ferħ li tifraħ u il għors li tagħmel meta tħollha ftit u tħalliha titmaħmaħ fuq is-sodda qabel ma taħsluha kien imissu yurikom tayyeb x'inhu l-aħyar għalihom; f'dan iż-żmien il jisem irid yikber, u yen għadni qatt ma rait illi min irid ikabbar sijra yorbotha u ixikkilha; biex is-saqain u l-idein yistgħu yisħnu mingħair ir-rbit, għamlulhom kalzetti u nguanti tas-suf. Il ħrieqi u il ħweyyej miblulin għandhom yitneħħeu mill aktar fìs, u fuq kollox daun għandhom ikunu wesgħin u m'hux doyoq li ma iħallux id-demm idur ma jisimhom; u meta tistgħu għamlu qfieli u m'hux buttuni, għax daun għandhom mnein yagħfsuhom mingħair ma tkunu tafu, qatt imbagħad labar tar-ras.

Dan kollu ġal jo id-dar.—Meta yitfarfru ftit u yibda wieħed yoħrojhom, minġair ma noqġod inġidilkom xein kif ġandkom tfasslulhom id-dbielet, infakkarkom f'illi ġedt qabel: ħweyyej li isaħħnu u toqol xein. Dauk il lbiesi li minn fuq dirġaikom ikarkru ma l-art, ma nafx xi tridu tġidu bihom, ġaliex la darba saqaihom ikunu bil kalzetti twal u tas-suf, dak it-tul kollu toqol żeyyed. Ir-ras deyyem friska, iżda m'ħux bierda ġal kollox, l-aħyar dauk il kpiepel tat-tayyar boyod bil faldi kbar ġax-xemx, u xi żeuj coffi fein il widnein biex iżżomuhomlhom sħan; il quddiem wieħed tat-tiben ħafif ħafif; idaħħkuni minn banda, li ma kenitx ħaja ħażina wisq, dauk it-tfal li tara bi cnetta ta rajel f' rashom sħuna u tqila daqs ic-comb, inkella kull ravyula tal bellus daqs dġaisa li xi drabi tilħqilhom sa ġonqhom!

Qabel ma nispicca daun il kelmtein fuq il lbies, irrid inġidilkom illi minn xi drabi tant kemm tgeżżuhom meta

ikunu trabi, daqs tant ieħor tpercuħom meta yaslu mas-sentein yeu tlieta. Xi uħud minnkom iżommuħom ħafyin għal kollox u yitilquħom bil qiegħda fl-art, isiru, yaħasra, bicca silj. Oħrain bi dbielet qsar, b'kuxxeiħom barra donnħom ballarini, itertru bil bard—u mbagħad tistagħjbu għax b'kull xein tijiħom is-sogħla. It-tfal, ma yidhirlix li għandi bżonn ingħid darb'oħra, iridu sħana mingħair toqol ta ħweyyej, u għalhekk il franella hi taiba wisq, u kemm tistgħu libbsuħom lilha. Indukrau fuq kollox fit-taqlib ta l-istajuni illi tibdluħom il ħweyyej ħoxnin fir-rqaq bil ftit il ftit.

Fl-aħħarnett il kalzetti u iż-żraben li tlibbsuħom iridu ikunu yoqgħoduħom tayyeb, mingħair ma ideiquħom yeu iwejjgħuħom, għaliex minn hemm yibda dak it-trikkib ta subgħain u tagħwij ta saqain li narau wisq fit-tfal.

## III.

## IR-RDIĠ.

Maħsula it-tarbïa u mlibbsa kif yixraq, ma ġandhiex minnufih bżonn li tarda'; u ġaldaqshekk ġall ewwel erba' u ġoxrin siġa ftit mishun biz-zokkor kull xi saġtein yeu tlieta hu ħiż-żeyyed biex iżommha. Iżda wara dan iżżmien yinħtiej li wieħed yaħseb ġal ġaixien tagħa u dan ma ġandux ikun ħaj'oħra ħlief il ħalib ta ommha. Din ġandha treddagħa fl-ewwel jurnata malli tkun tista', waħda biex iddarriha u l-oħra il ġaliex billi l-ewwel ħalib hu grass tayyeb wisq biex iqanqal ftit imsaren it-tarbïa. L-omm illi tkun b'saħħitha ġandha deyyem tradda', ġaliex dan yaġmel jid lilha u lit-tarbïa; kif inhu maġmul l-istonku tat-trabi, billi ħalqhom bla snien u ma yistġu iġinu ruħhom b'xein, il ħalib biss hu l-ikel taġhom u min itihom

ħaj'oħra, waqt li ikunu hekk ckeiknin, ilestilhom il meut, yeu ħayya żgira u bla saħħa.

L-omm ma ḡandhiex tradda' yekk tkun marida b'sidirha, tbati bil jenn, b'tal qamar yeu b'xi mard ieħor ikreh li iḡaddi fit-tfal, iżda yekk tkun ftit maḡkusa u minḡair ebda marda ḡandha iżżomm ruħha tayyeb u tradda'. Dauk l-ommïet imbaḡad, li ḡax rashom ħafifa yeu ḡaliex ix-xoḡol taḡhom ma iħallihomx, ma yistḡux irreddḡu bill ħinïet sewwa l-uliedhom; aħyar, ma yibdeulhom xein. Ir-rdiḡ ḡandu ikun bil ħinïet tiḡu; kull saḡtein mal jurnata u kull tlieta mal leil ḡall ewwel żmenïet; wara erba' yeu ħames jimḡat kull erba' siḡat biż-żeyyed. Ḡâda wisq ħażina hïa dika li ḡal kull xein treddḡu it-tarbïa; dina tibki meta ikollha xi ujiḡ, tibki yekk tkun mḡobbïa wisq bil ħweyyej, u tibki yekk xi ħaja tkun tniggiżha: ir-rdiḡ ma ineħħilhiex dil ħaja, imma iwejjaḡha aktar u ijaḡalha taqla dak iż-żeyyed.

L-omm għandha tibqa' tradda' sakemm yoħorju l-ewwel żeuj sinniet yeu sitta, li bein wieħed u ieħor ikun mad-dwar id-disa' xhur; iżda sabiex tkun tista' tlaħħaq yinħtiej li tgħin ruħha sewwa bl-ikel u ix-xorb; tieħu ħweyyej li yatuha is-saħħa bħal ma huma il ħalib, il baid, għajin u xi ftit birra sewda ukoll; toħroj għall aria, ma titbaqbaqx, ma titħabatx wisq u torqod kemm imissha; min ma yagħmilx dan kollu anqas għandu biss yaħseb li yista'yati lit-tarbïa ftit ħalib tayyeb u li ijibha il quddiem. Meta l-omm ma ilaħħqilhiex għal kollox il ħalib għal kemm tista' tradda', għandha tgħin lit-tarbïa bi ftit ħalib tal mogħża mħallat bil misħun; tibda biex tagħmel ħalib mittlieta waħda u deyyem iżżidu ftit ftit, sakemm ikun hemm aktar ħalib inkella misħun.

Qabel id-disa' xhur fi ftit kliem it-tarbïa ma għandhiex tieħu ħaj'oħra ħlief ħalib ommha; u la smid u la xein— l-aktar l-aktar megħyun bi ftit ħalib

tal mogħża bil misħun. Dan għandu yingħata fil flixkun u mħux bl-imgħarfa, iżżommulha għal ftit yekk tara li qiegħda taqilgħu magħqud yeu iqanqlilha wisq imsarinha.

---

IV.

## IL FTAMA

Wasalna issa biex ingħidu meta l-omm għandha toftom it-tarbïa. Bosta minn nies yoftmuhom ta tlieta yeu erba' xhur; oħrain ijjebduhom sa sentein u minn xi drabi sentein u nofs ukoll; sewwa dauk kemm ukoll daun yagħmlu ħażin it-tnein. Ma dwar id-disa' xhur tista' tgħid it-tfal kollha ikollhom żeuj sinniet, yeu aktar; u Alla ma yatihomx is-snien biex yigdmu sider ommhom, imma biex itefttu xi ħaja aktar sħiħa; għaldaqshekk mad-dwar id-disa'xhur wieħed għandu yoftom it-tfal—tibda għall ewwel biex tnaqsil-

hom ir-rdiḡ bil leil u mbaḡad ftit ftit b'inhar, u deyyem iżżidilhom xi ḡainuna sakemm fi ħmistax il jurnata tkun darreithom minḡair ir-rdiḡ ḡal kollox.

Dan kollu iḡodd ḡall ommiet f'saħħithom u li yifilħu; yekk imbaḡad il ħalib yonqoshom yeu imorru lura ḡandhom yoftmu qabel. Idarru ittarbìa bil flixkun u yisquha ħalib u misħun mħalltin kif ḡedna qabel.

Hemm xi trabi illi idumu, ma itellḡu ḡaliex minnhom hekk, yeu ḡaliex ikunu maḡkusin; lil daun wieħed yista' ijebbdilhom sas-sena, imma yekk yidher li il ħalib ma ikunx qieḡed iḡinhom, ḡandhom yinfatmu yekk massena ma ikunux tellḡu snien ukoll— billi tradda' it-tfal aktar milli yinħtiej l-omm tḡarraq l-istonku taḡhom u saħħitha, yonqsilha id-daul, is-smiḡ u minn xi drabi tmarrad sidirha.

Min, kif ḡedna, ma yistax yaḡmel ieħor, ikollu itihom il flixkun—iżda ḡandu iżommu deyyem nadif, ḡaliex inkella

il ħalib malair yiqras; u qatt ma ġandu yitlaq il flixkun f'idein it-tfal il leil kollu, ġaliex sa fil ġodu il ħalib yitħassar u dauk l-aħħar boqqiet li tieħu it-tarbïa yaġmlulha wisq deni.

Wara id-disa' xhur immela ġandu wieħed yibda yati lit-tfal xi ħaja barra mill ħalib. Is-sagu ġall ewwel aħyar mill ħobż u l-ararut; imma wara xi jimaġtein li iddarruhom bih tistġu tbillulhom ftit ħobż fil misħun biż-żokkor, inklelè tatuhom smid yeu ararut. Wara daun wieħed yista' yatihom ftit brodu ħafif ta xi serduq yeu ġonq u jwienaħ bis-smid yeu bil ħobż, imbaġad il quddiem xi isfar ta baida, yeu baida mġollïa kemm kemm taqta' bħal ħalib. Il laħam ma ġandux yinġata qabel ma ikollhom dras u snien biż-żeyyed biex yomoġduh; u yaġmlu wisq ħażin dauk in-nies li bid-daħka f'fommhom iġidulek ġat-tarbïa taġhom, li yalla tkun tellġet xi sinna, "ma tafx kemm hi ħelwa, tiekol maġna u minn kollox trid bħalna," u ma yaħsbu xein imbaġad

f'kemm żeit ir-riccnu ikollhom yimbukkaulha ma tulek ya xahar. Il ħlewwiet, il pastizzi u ħweyyej oħra bħalhom ḡandhom yintaḡtau mill anqas, u katt imbaḡad minḡair ordni tat-tabib tisquhom nbid yeu spîrti. Min yista' irabbi it-tfal minḡair ma idarrihom it-tè u il kafè yaḡmel ħaja taiba wisq.

Dan kollu li semmeina iḡodd ḡat-tfal sas-sentein yeu tlieta; imbaḡad m'hux kullħadd yista' yaḡmel borma ḡalihom biss; biss inḡidilkom li deyyem it-tfal ḡandkom titimḡuhom bissiḡat; li ma ḡandkomx tħalluhom iḡabbu l-istonku taḡhom anqas bi ħweyyej ħfief, u li l-ikel taḡhom ma ḡandux ikun ħaj'oħra ħlief ħobż bil butir, brodu, laħam, baid u l-aktar imbaḡad ħalib; u bil ftit il ftit xi frott u ħaxix.

---

## V.

## IL ĦRUJ.

Xein anqas mill ħalib li yixorbu, it-tfal ġandhom bżonn tal aria; in-nifs li nieħdu minn meta nitwieldu sa kemm toħroj ruħna ma neħduhx ġal xein, imma kull ħin aħna indaħħlu jo fina l-aria taiba l' issewwilna demmna u noħorju il ħażina: dak l-ujiġ ta ras, li yatikom meta iddumu wisq xi mkien magluq, m'hux ħaj' oħra ħlief l-aria mħassra li tkunu tieħdu, ġaliex terjġu tixorbu dak li ikun ja ħarej minn jo fikom yeu minn sħabkom; ġaldaqshekk fil kmamar tat-trabi l-aria ġandha tkun deyyem taiba u mbiddla sikwit. Iżda m'hux jo il kamra biss l-aria ġandha tkun taiba, imma it-tfal iridu il ħruj ukoll. Dauk l-ucuħ mimlïa u dirġain mibruma tat-tfal tar-raħal, kollha huma mijyubin mill aria, ġaliex il ħobż tal maħlut u il patata mġollïa

ma isemmnux nies, imma billi huma deyyem yimirħu fir-raba, dak li yonqos minn banda yiji mill oħra. Ġalhekk immela, meta it-tarbïa ikollha ġaxra yeu ħmistax il jurnata, ġandkom toħorjuha yekk ikun is-saif; fix-xitwa wara xahar yeu erbġin, deyyem waqt is-sħana u il bnazzi, ġaliex in-nida u ir-riħ yaġmlulhom deni wisq. Ġall ewwel żmeniet toħorjuhom kull yumein yeu tlieta u imbaġad kullyum, mimdudin fuq dirġaikom u mlibbsin kif ġedna qabel; la yitfarfru ftit, wieħed iżommhom bħal bil qieġda, immeylin fuq sidirkom yeu spalleikom.

Yidhirli illi la darba qeġdin insemmu il ħruj, yixraq li wieħed iġid xi ħaja fuq il mixi tat-tfal. Hafna nisa ifettlilhom li uliedhom ġandhom yimxu kmieni, ġaliex tal jâra yimxu qabel, u yaġmlu minn kollox biex ijaġlu il taġhom yimxi, bla ma yaħsbu m'hux f'kemm ġandu żmien biss, imma anqas kif jieb ruħu, u yibdġu yeu bil kannestru yeu yistraxxnauh minn taħt spal-

leih bl-imkatar, sakemm bis-sewwa yeu bid-dnewwa, ijag̃lu il dan il ħâli tifel yieqaf. Yekk titlaq it-tfal g̃ar-ruħhom yitbaħardu ma l-art kemm iridu fuq tapit yeu ħasira, huma uħudhom, meta iħossuhom imsaħħ'ħin biż-żeyyed, yibdeu yixxabbtu ma fein isibu u bil ftit il ftit yieqfu u yimxu mbag̃ad jmielhom; imma yekk tridu tmixxuhom qabel il waqt, tispiccau biex yeu tg̃awwjulhom jisimhom kollu, yeu idumu ma yimxu wisq aktar milli yinħtiej. Billi g̃adamhom ikun g̃âdu tari, yekk twaqqfuhom fis, it-toqol ta jisimhom ig̃awwjilhom saqaihom u iħassarhom g̃al g̃omorhom; hekk ukoll dak id-dendil minn taħt spalleihom ijag̃alhom yaħsbu illi huma yifilħu aktar milli yixraq g̃ac-cokon tag̃hom; yijri mbag̃ad illi yatu xi salt qawwi, yaqg̃u, iwejjg̃u, u yibqg̃u yibżg̃u yimxu g̃al żmien twil.

Oħrain iħobbu yilag̃bu ma t-tfal ftit kiesaħ ukoll, idendluhom minn dirg̃aihom, ibandluhom, ixattbuhom u ig̃olluhom ma l-airu, donnhom f'idhom

ḡandhom xi mħadda; daun m'hux biss iħassrulhom jisimhom, imma xi darba tiji kerha u yimmankauhom.

Fl-aħħarnett ma nixbax incanfar biż-żeyyed dauk in-nies illi yinseu, ḡandhom ikunu, ic-cokon ta uliedhom; nista' nḡid qatt ma ħrijt sa 'l Bombi, l-aktar nhar ta Hadd, li ma raitx xi mara dieħla u b'tifel ta sentein yeu tlieta mqabbat magħha, yibki ḡaliex ma iridx yimxi iżyed; dik il mara ḡal bżonn tkun mit-trieq tal Franciżi, u tifħem illi ḡandha tmixxi il binha ḡal erba' mili b'ħalli kieku xein, ḡaliex hi ma tħosshomx!

Kullħadd immela ḡandu yoħroj l-uliedu ḡall aria minḡair ma iḡayyihom, min yista' yeħodhom fir-rħula yaḡmel tayyeb wisq; hekk ukoll min yeħodhom fi xtut il baħar, itellaghom fuq fregatini u ijaḡalhom yaqdfu xi ftit; basta iżda li ikunu ndukrati tayyeb.

---

## VI.

## IR-RQAD.

Ġall ewwel żmeniet ta ħayyithom it-tfal, tista' tġid, deyyem reqdin, u iqumu kulltant biex yieħdu ftit ħalib u yerjġu yorqdu; dan ir-rqad tayyeb wisq ġall jisem, u meta tarau tarbïa torqod wisq, yekk ma turix li qieġda tħoss ħaj'oħra, tħabblu raskom xein: meta it-tfal ikunu mistreħin, bl-istonku m'hux imġobbi iż-żeyyed, jisimhom yista' yissaħħaħ aktar, u aktar yiji il quddiem; ġaldaqshekk ħsiebkom ġandu ikun f'dak li yeħtieju huma u reqdin.

L-ewwelnett l-aria ta fein yorqdu trid tkun aktar taiba milli semmeina qabel; il kamra miżmuma maġluqa fid-dlam u minġair ebda ħseyyes ta xein. Yaġmlu ħażin wisq dauk in-nies li yonxru il ħweyyej fil kamra, ġaliex yekk ikunu mxarrbin bl-ilma yeu xi

ħaj'oħra, ikessħuha yeu yatu rweyyaħ ħżiena. Dwal yixeġlu xein, yeu mill anqas, ġax daun ukoll iħassru 'l-aria, aktar imbaġad it-tqabbid tan-nar, l-iżyed b'xi petrolyu yeu craret biż-żeit.

Wara dan yiji fein ġandha torqod it-tarbïa. Billi hïa tiksaħ minn xein, tayyeb kieku illi ġall ewwel toqġod ftit ħdein ommha, iżda din ġandha tieħu ħsieb illi iżżommha ħdeiha bil ġaqal, tqeġidha wiccha il banda l-oħra, u tindokra li ma tmurx ġainha biha u iddur fuqha u tġaffijha; bosta drabi xi nisa qatlu hekk l-uliedhom, ġaliex iraqqduhom magħhom. Iżżommha ftit u tarja' tqeġidha f'sodda ħdeiha fein tilħaqha.

Il kotra tan-nies tħobb wisq il benniena. Din lit-trabi ma taġmlilhom ebda jid, ġaliex traqqadhom billi tisturdihom bit-tbandil tagħha; yaġmlu ħażin ukoll dauk in-nisa illi biex iraqqdu it-tfal iżommuhom f'ħojorhom u yixxenglu bihom fuq is-sijju; sewwa dik il qaġda, kemm ukoll ix-xengil, iqaġ-

bru wisq it-tarbïa, u f'lok ma torqod mistriha, tbati aktar.

Ġalhekk immela l-aħyar ħaja, wieħed yaġmlilhom sodda żġira fein dik ta ommhom, minġair purtieri xein, yeu fini ħafna li tista' tġaddi minnhom l-aria sewwa. L-imtieraħ la rotob wisq, biex ma isaħħnuhomx, u anqas ebsin iż-żeyyed yeu bil ħotob li iwejjġuhom; il friex ħafif u li isaħħan, u deyyem niexef; dauk il jlud huma ħżiena wisq, ġaliex iżommu il bell, yitħammju malair u ireyyħu, barra mis-sħana żeida taġhom.

Ma hemmx bżonn inġid illi wicc it-tarbïa ġandu ikun mikxuf u hekk ukoll ir-ras. Yekk yoqroshom xi nemus, yeu dubbien, tisfġu tġattulhom wicchom b'velu rqieq rqieq li iħallihom yieħdu in-nifs, u m'hux bil maktur yeu ħarqa, bħal ma yaġmlu x' uħud.

Il lbiesi li yorqdu bihom ġandhom ikunu wesġin sewwa; fil ġodu yitbiddlu, u yitrewwħu ġad-daul u l-aria qabel yerjġu yintlibsu fil ġaxïa.

Wara li yitfarfru ftit, ir-rqad yibda' yonqos, u mbağad tayyeb illi wieħed idarrihom yorqdu bil hiniet. Ġall ewwel ittihom nağsa wara li yieklu yeu yixorbu xi ħaja, mbağad traqqadhom xi sağtein wara nofs in-nhar u fl-aħħar taqtğilhom daun ukoll.

Bil-leil iddaħħalhom kmieni fis-sodda, u titlaqhom ğal ğaxra yeu tnax il siğa; deyyem tnaqqsilhom ftit ftit sa kemm ijjibhom yorqdu disa' yeu tmien siğat biss. Deyyem ğandkom tħittxu li yorqdu uħudhom u illi imorru fis-sodda bil ferħ, ğaliex meta traqqduhom bil fors, idumu ħafna yitqallbu u yibku u mbağad yorqdu ħażin. Tridu ukoll iddarruhom yorqdu fuq il jnieb, l-aktar fuq il-lemin. Ġâda kiefra wisq ta dauk in-nies illi biex it-tfal ma iqumulhomx bil-leil, idumu ma iraqqduhom fil ğaxïa, u dauk yaħasra ikunu qeğdin imutu bin-ngas. Fil ğodu, malli yistebnħu, oħorjuhom mis-sodda mill aktar fis u tħalluhomx yitnikkru.

---

## VII.

## IX-XAĦXIĦA.

Waħda minn fost il ħafna drawwiet ħżiena li għandhom xi ommïet fit-trobbïa tat-tfal, hïa dik illi sabiex iraqqduhom yatuhom fil għaxïa l-imgħolli taxxaħxiħa. It-tfal minnhom infushom ma humiex imqarbin, iżda aktarx yidheu jmielhom iħarsu ilhaun u ilhin, u ma igħayytux u anqas yibqgħu mqayymin yekk xi ħaja ma tkunx tujagħhom; għaldaqshekk deyyem għandkom l-ewwel tfittxu x'ikun jralhom u m'hux għalkemm tbekbkulhom ix-xaħxiħa.

Kullħadd yaf li din ix-xaħxiħa tkun donnha il jeuża tal pepprin, iżda aktar kbira, u minn jewwa fiha iccekcek bħal żerrigħa, li ma hi taiba xein biex traqqad, il għaliex il qawwa kollha tinsab fil qoxra. Yekk ixxoqq din il qoxra meta ir-ras tkun għadha ħadra, yoħroj

minnha bħal ħalib li iġidulu *oppiu*, u ġalhekk meta tġalli ir-ryus tax-xaħxiħa, u tijbidhom tayyeb, yoħroj *oppiu* ukoll. Intom ilkoll smaitu u tafu illi l-*oppiu* hu tosku li iraqqad u yitilfek, ġaliex kullħadd iġid illi meta xi bniedem iriduh ma iħossx it-tobba yilluppiauh; ġaldaqshekk meta it-trabi taġkom tatuhom ix-xaħxiħa mġollïa, tkunu tilluppiauhom, yijifieri it-telfuhom barra minn sessihom. Bosta trabi raqdu hekk bix-xaħxiħa u ma stenbhux iżyed.

L-*oppiu*, li terħi ix-xaħxiħa mġollïa, meta yittieħed bil ftit ijib ġall ewwel bħal nġas ħelu illi ixaħxħek, il polz yitħaffef u isir aktar qawwi, il jilda ta jismek kollu tibda' teġreq u yista' mbaġad yatik ġacc kbir u ujiġ ta ras. Meta yittieħed iżyed in-nġas ikun aqwa u torqod hekk sewwa illi anqas bi qris qawwi ma tistenbaħ; jismek yitqal, yeġreq ħafna u yiksaħ, tħoss żanżin f'widneik, in-nifs yonqsok u demmek imbaġad yitħassar. Yekk fl-aħħarnett

inti tkun xrobt xarba jmielha minn dan it-tosku, wara dan kollu li semmeina jismek imut ḡal kollox u minn hemm u ftit toħroj ruħek ukoll.

Dan il jid kollu meta tixrobha ḡal darba biss; iżda dina aktar ma tixrobħa aktar ma torqodx minḡairha, u wara żmien li tkun drait teħodha, ma tista' taqtaḡha b' xein: imbaḡad il moħħ yibda' yitħassar, issir tinsa dak kollu li tkun taf, ḡaliex moħħok ma yibqax yarfa', rasek tħeff u tibliḡ; ḡaineik yidħlu fil ħofra, wiccek yisfar bħax-xama, imurlek il juḡ u issir donnok katavru mwaqqaf.

Dana kollu li gedtilkom yuri tayyeb illi min ḡandu id-drawwa yati ix-xaħxiħa lit-tfal tiḡu biex iraqqadhom, ikun qieḡed ilestilhom sodda sabiħa jmielha, aktar imbaḡad yekk ikunu xi tfal maḡkusin yeu bla rdiḡ; u ḡalhekk ḡandu ijaḡalkom tibzḡu mix-xaħxiħa.

Yekk xi darba tatuhielhom, u tarau li jibitilhom toqla f'rashom u nḡas kbir,

isquhom fis ħafna kafè ħafif, għamlulhom sanapiżmi ma jisimhom kollu, u żommuhom imqayymin kif tistgħu, sakemm issibu tabib li yara x'ikun jralhom.

Billi ix-xaħxiħa traqqad ukoll l-ujigħ, hïa taiba sabiex tħalltuha mal kittien u il gamumilla għal jbayyar; taiba ukoll biex ixxarrab biha xi nefħa; minn jewwa iżda ma hi taiba qatt.

---

## VIII.

## IS-SNIEN.

Bicca ftit u xein qalila, u li wisq drabi it-tfal yibqgħu taħtha, hïa il għaqda tas-snien u il ħruj tagħom. Għat-tfal imrobbïa sewwa, li huma b'saħħithom u indukrati tayyeb, din il ħaja ma imissa tagħmel ebda taħwida, imma issib oħrain illi ibatu biha wisq, u yarau il meut elf darba qabel ma yeħelsuha taiba.

Is-snien illi itellgħu għall ewwel it-tfal, u li yegħdulhom tal ħalib, huma għoxrin waħda: tmienia ta quddiem, erbgħa fuq u erbgħa isfel—erbat inyieb, tnein kull naħħa, waħda fuq u l-oħra isfel—u tmient idras, erbgħa kull naħħa, tnein fuq u tnein isfel.

Fit-tieni ħruj imbagħad li yiji ma dwar is-seba' snin, daun kollha yitbiddlu u magħhom yiżdiedu tnax il darsa ħoxna, bi tliet egħruq, sitta kull naħħa, tlieta fuq u tlieta isfel. L-aħħar erbgħa li yoħorju minn daun igħidulhom tal għaqal, għaliex, yitilgħu ma dwar il għoxrin yeu il ħamsa u għoxrin sena; b'kollox immela tnein u tletin sinna li ma yitbiddlu qatt iżyed.

L-ewwel snien yibdeu yidhru ma dwar is-sitta yeu is-seba' xhur; hemm xi trabi illi yitwieldu bi tnein yeu aktar ja mtellgħin, u oħrain bis-snien kollha; bil maqlub imbagħad, tara tfal li idumu sena yeu tnein mingħair snien. Igħidu li fi Franza waħda mara xiħa

bdiet ittalla' is-snien meta kellha ħamsa u tmenin sena; dauk it-tfal ta ġadamhom oħxon u qasir, rashom u żaqqhom kbar, u li iġidulhom rakitici, idumu wisq ma yaqsmu is-snien.

Madwar is-seba' xhur immela yidhru l-ewwel tnein ta quddiem innaħħa t'isfel; fuqhom imbaġad yoħorju tnein oħra wara xi xahrein, u fil jenb ta daun ta fuq, wara jimaġtein yeu tlieta yaqsmu it-tnein l-oħra: yijifieri l-ewwel yoħorju tnein t'isfel ġalihom, imbaġad minn hemm u ftit tista' tġid li yidhru l-erbġa ta fuq fl-imkien; ġalhekk tayyeb li min ġandu yoftom, yoftom wara l-ewwel tnein, yeu yistenna li yoħorju l-erbġa l-oħra, biex ma yoftomx waqt it-titliġ. Xi xahrein yeu tlieta wara, li yiji massena, yoħorju it-tnein l-oħra t'isfel u l-ewwel erba' darsiet, u ġaldaqsbekk f'dan iż-żmien huma ikollhom tnax il sinna. L-inyieb imbaġad, li huma dauk li l-aktar iġaffjuhom, yoħorju massittax il xahar, yeu is-sena u nofs, u ma

dwar is-sentein l-aħħar erba' darsiet; it-tfal immela tas-sentein u nofs ġandu ikollhom is-snien kollha tal ħalib li huma ġoxrin, bid-dras u kollox; il ġaqda tkun maġmula u qabel is-seba snin ma itellġux iżyed.

Bosta tfal yeħelsuha ħafif, u Alla ibierek yoħorju is-snien kollha minġair ma iħossu xein; l-aktar l-aktar yitilġulhom xi ftit ponot wara widneihom, iliegħbu ftit u spicca kollox; ta daun ma hemmx ġax tieħu ħsieb: tindukrahom ftit aktar minn dari; il ħasil ma taqtġuħulhomx, tlibbishom u titmaġhom kifġedna qabel,u ma toħrojhomx fil jranet ftit friski yeu tax-xita; ġal dauk il ponot ftit taż-żeit il-leuż u misħun fietel yaġmel kollox; iżżommuhomlhom ndaf u ma tnixxfuhomlhom xein ġaliex tistġu taġmlulhom aktar deni.

Waqt li ikunu itellġu, u ftit qabel ukoll, it-tfal yatihom tant ikel fi ħniekhom u yoġorqu magħhom kull ma isibu, u ġaldaqshekk min idendlilhom

f'ġonqhom joljol, min kaġka tal avoriu u min tal gommalastika; dauk tal ġadam, avoriu yeu ħaj'oħra bħalhom huma ftit u xein ebsin ġal snienhom u ġalhekk tal gommalastika huma aħyar; ħafna mit-trabi yeħilsu eħfef, yerdġu subġaihom — daun yaġmlu l-aktar sewwa, ġaliex isibu ħaja aktarx ratba u ma hemmx biza' li yibilġuha: din il ġâda m'hi ħażina xein waqt it-titliġ u ma ġandkomx tneħħuhielhom; yekk meta yikbru ftit yibqġu biha, tneħ-ħuhielhom malair b'xi ftit żabbara yeu xi ħaj' oħra morra midluka ma subġai-hom.

Oħrain ibatu wisq, yatuhom konvul-sioniet, deni u taħwid ieħor; ġal daun ma nġidilkom xein: kellmu it-tabib fis, u aġmlu dak kollu li iġidilkom hu biss u toqoġdu timleu xein raskom bil kliem tal jâra.

---

## IX.

## IT-TILQIM TAL JIDRI.

L-ikreh marda li kienet taħqar il bnedmin iżyed, biex inġid hekk, mill pesta, hua 'l jidri iswed, yeu kif iġidulu jidri ġarbi—iżyed mill pesta, ġaliex aktar minnha yittieħed u aktar yoqtol lil min yaqbad, u hekk ma yoqtlux, iħallih mħassar ġall ġomru, lil min aġma lil min trux yeu ġall anqas lil min wiccu kollu ħofor. Din il marda bdiet tonqos minn xi żmien ilhaun, u ried ikun biex yaħseb yeqridha, il ġaref tabib ingliż JENNER, li madwar il mitt sena îlu sab l'ewwel wieħed ittilqim tal jidri—dak il bniedem li yistħoqqlu, kif qalu oħrain qabli, wisq aktar qima mill EWWEL NAPULIUN u kbarat oħra.

Jenner kien yismaġhom iġidu illi ir-raġayya li yitnijjżu bil jidri ta sider

il baqra ma kenux yoħorju il jidri l-ieħor; u ġalhekk jieh f'rasu illi yekk tlaqqam mill ewwel bil jidri tal baqra teħles mill ieħor. It-tobba l-oħra, u fosthom nies kbar, kollha daħku bih; imma hu żamm iebes, u rnexxielu fl-aħħar ilaqqam tifel ta tmien snin, l-ewwel bil jidri tal baqra, mbaġad, wara xi żmien, b'dak l-aħrax. L-ewwel tilqima ħadet b'dak il ftit tat-taħwid li nafu, u l-oħra ma qabditx.

Ma 'rridx noqġod inġidilkom l-istoria kollha ta din il bicca, ġaliex intom uħudkom tarau il jid kollu illi hua ġamel—il jidri ma baqġux yimirdu bih mit-tlieta waħda ġaliex imlaqqmin, min ġalkemm imlaqqam yoħorju, tista' tġid yoħorju deyyem ħafif, ifieq u il ħsara tkun wisq ckeikna. Fein dari kienu imutu il ħamsin fil mïa u aktar, mill imlaqqmin ma imutux aktar minn wieħed yeu tnein; ġal dana kollu ma hemm bżonn inġid xein in-dnub kbir li yaġmlu dauk l-ommïet illi ma ilaqqmux it-tfal tagħhom ġal xi bluha ta

rashom; ħadd ma imissu yistenna il *karta* tal pulizia biex yieħu l-ibnu ḡat-tilqima.

It-tfal madwar it-tlieta yeu erba' xhur ḡandhom yitlaqqmu—f'dan iż-żmien jisimhom ikun kbir biż-żeyyed li yiflaħ ḡal-dak il ftit taħwid li yiji, u sewwa sewwa ikunu ḡâdhom ma ħasbux ḡas-snien; yekk ma tlaqqamhomx f'dan iż-żmien, stenneu li yoħorju l-ewwel żeuj sinniet, u tlaqqmuhom qatt fil waqt li ikunu qeḡdin yoħorju is-snien. Hekk ukoll ma ḡandhomx yitlaqqmu waqt li ikunu morda b'xi deni, b'xi faura yeu ħweyyej oħra; imma ftit ponot lhaun u lhinn ma ḡandhomx itellfuhom it-tilqima. Hemma min yibza' ilaqqamhom meta ikun haun xi ħoss ta jidri fil payyiż; dan f'lok li ibażżaḡkom, ḡandu iḡajjilkom tlaqqmu, ḡaliex yista' yiji aḡar. Tayyeb wieħed illi yieħu tilqima minn tarbia b'saħħitha u bint is-saħħa, u li din it-tilqima tkun maḡmula bis-senḡa; dina iżda bicca tat-tabib u ma ḡand-

komx tarauh intom ; biss intom ḡandkom taḡżlu tabib ḡal qalbkom u tħallu f'ideih ; f'ideih ukoll x'inhu l-aħyar yekk il jidri tal baqra yeu minn driḡ tarbïa oħra.

Wara xi yumein yeu tlieta tat-tilqima, fin-nigża li yaḡmel it-tabib fi driḡ it-tarbïa, titla' bħal ponta ta gidma ta nemusa; dina tiħmar mad-dwar u tibqa' tikber ftit ftit sakemm ma yumein oħra issir donnha jauhra mimlïa blilma safi ; fi tliett iyiem oħra dak l-ilma isir safrani bħal marca, u id-daura aktar tiħmar; wara dana il jidra tibda tinxef u taḡmel qoxra seudenïa li taqa' tnax yeu ħmistax il jurnata wara ittilqima. It-tarbïa tintelaq u yatiha ftit tad-deni fil mili u waqt li l-ilma ikun qieḡed isir marca.

Ma hemm bżonn nḡidilkom xein kif ḡandkom tlestu it-tarbïa bil komma mtellḡa yeu qasira, u tindukrau li ma timsħulhiex it-tilqima kif tkun ḡadha friska; tindukrau mbaḡad ukoll

meta yieħdu il jidriet li ma yinfaqgħux, li ma yingħorkux mal kmiem u li ma yinselħux. Għall ewwel jranet ma hemmx bżonn illi iżżomuhom jewwa, imma mbagħad la iħossu dik il ħaita tad-deni tal mili u il marca, tayyeb li wieħed ma yoħrojhomx. Il ħasil ma yinqatax, imma bl-ilma aktarx fietel— il lbies ta dari mingħair tgezziz iżyed— ikel ħafif, yijifieri rdigħ biss, yeu ħalib u misħun, yekk ma l-erba' xhur; u ftit soppa, ħalib bis-sagu u ħweyyej bħalhom yekk ma disa' yeu għaxar xhur. Yista' ikun illi ma dwar it-tilqima yeu f' xi naħħa oħra tal jisem, yitilgħu wara l-oħrain xi jidriet oħra li igħidulhom merħ; dan yiji mit-tilqima in-nifsha u ma għandu wieħed yibza' minnhom xein.

Hafna nisa ma iridux yatu mit-tilqima tat-tfal tagħhom, għaliex yibżgħu li ijibulhom xi deni: yekk il jauhriet, kif semmeiniehom qabel, yinqasmu bis-sengħa, m'hux biss li it-tfal ma yijrilhom xein, imma yistrieħu, u il ħmura u

il ħruq ma ikunux qawwïa wisq: oħrain ma f' ġainhomx yekk ma yeħdulhomx kollha; iżda daun ma ġandhom ġax yaħsbu xein, ġaliex waħda biss, tġodd daqs sitta.

Xieraq wisq illi mad-dwar it-tmienia yeu il ġaxar snin terjġu tlaqqmu, ġaliex minn xi drabi it-tilqima donnha tiswa ġal seba' snin biss.

---

## X.

## IL LOĠOB U IX-XOĠOL.

Il loġob hua ħayyet it-tfal, u min irid ineħħihulhom yaġmel ħażin wisq. It-tfal irrid narahom yitħabtu, yijru u yidħku, u m'hux rotob u yitħaddtu bħax-xyuħ: daun ma ikollhomx saħħa anqas ħayya twila. Qabel xein ma yibdeu yieqfu, yekk tħollhom, kif ġedna qabel, mix-xkiel li ikollhom u titlaqhom ġal qalbhom fuq is-sodda u timbixhom ftit, yurukom bic-car il

gost li ikunu qeğdin yieħdu; malli imbağad yibdeu yieqfu xi ftit iridu yaqbdu f' kull ma isibu: ħayyithom daħka waħda, caqliq waħdu u xoğolhom loğob.

L-ewwel loğob li ğandhom ikollhom hua dak illi iżommhom midhïa iħarsu lein xi ħaja ğal qalbhom; titilqilhom imbağad f' ideihom ħweyyej oħra li ma yağmlu ebda ħsara. Dauk il jugarelli b' ħafna kuluri ħodor u sofor huma ta min yibża' minnhom; ğaliex ittfal, wara daqqa ta ğain, idaħħlu kollox f' ħalqhom, u wisq drabi dik iżżebğa tkun tosku. Hekk ukoll yinğad ğal dauk il kaxxi tal kulur li titilqulhom f' ideihom. It-tfal ma iħabblux rashom ğall ilma biex ipinju, ğandhom ħalqhom iğodd ğal kollox; minnu yieħdu il bżieq biex iħollu il kuluri u f' ħalqhom iqieğdu il pinżell imcappas bħallikieku xein.

Ğandu yitwarrab ukoll minn ideihom, dak kollu li yista' iwajja' lilhom

yeu lil min ikun ħdeihom; bħal dauk il qasab li kull ħin seyyrin idaħħlu f'ġain xi ħadd, yeu xi ħweyyej oħra bil ponta. Hemm min yatihom biex iġaddu iż-żmien, skieken, frieket u mqassiet bla ma yaħseb xein il ħsara li yistġu yaġmlu.

L-ġayat bil ftit ma yaġmlilhomx deni, ġaliex ijerri l-aria mas-sider kollu; imma yekk iħambqu wisq, is-sider iwajja'; ħżiena wisq dauk it-trumbetti tal landa tal karnival li itellġulhom demmhom kollu f'rashom sakemm idoqquhom.

L-aqwa tal loġob taġhom ġandu ikun barra, fil miftuħ, u li icaqalqilhom jisimhom kollu. Il ballun, il bocci u il loġob ieħor bħalhom, taibin wisq ġalihom, bniet yeu subien li ikunu. Il bandla ta Lapsi ħażina wisq, ġax barra milli tqallbilhom moħħhom kollu, stennihom yinqalbu minn ħin ġall ieħor, u yaqsmu rashom, yeu yiksru xi driġ yeu sieq.

Il loġob *tas-Suldati* xieraq ħafna; dan idarrihom iżommu jisimhom sewwa, yimxu kif imisshom, u irabbilhom ukoll l-imħabba ġax-xogħol. Il loġob tal *Knisia* ġas-subien, u tal *pupi* ġal bniet, tayyeb kieku biex irabbi lit-tfal bil ġaqal u mijburin, iżda dan iżommhom imrekknin wisq u deyyem banda waħda; ġalhekk ma ġandhomx yintelqu ġal dan il loġob biss.

It-tfal indukrauhom minġair ma ikunu yafu, inkella ma iħossux li yistġu yaġmlu li iridu; tġayytux magħhom meta itambru u yaġmlu ħafna ħseyyes ġax dak ġalihom ikun l-aktar ħaja sabiħa; min yoħroj it-tfal miġu u iridhom yimxu sodi u yisimġu x'ikun iġid ma sħabu, f'lok ma ikun ifarrajhom, yaġfashom iżyed.

Meta yitfarfru u ikunu yifilħu xi ftit, il qdif u xatt il baħar ġandhom ikunu bicca kbira mil-loġob tagħhom; il ġaum biż-żmien tiġu, tayyeb biex iżommhom indaf, idarrihom qalbenin u isaħħ'ħilhom jisimhom.

F'dak il loḡob kollu, illi ḡalkemm yaḡmlu ħseyyes wisq u iḡayytu fiħ,ma ijibx ebda ħsara, tiksrulhom qalbhom qatt; imma qatt taħfrulhom yeu turu xi nitfa ħlewwa maḡhom,yekk taqbduhom bis-sigarru f'ħalqhom. It-tipyip ma ḡandkomx xi triduh qatt fit-tfal, dan m'hux biss li ma yaḡmlilhomx ebda jid u idarrihom ħażin, imma yaḡmlilhom deni kbir wisq. It-tabakk iqanqlilhom in-nervi kollha, yista' ijibilhom sa il konvulsioniet; dauk imbaḡad li huma mijbudin ḡal mard tas-sider ma yeħelsuhiex żgur din il marda, yekk yibdeu ipeyypu u ibeżżqu minn meta ikunu żḡar; ma noqḡodx inḡidilkom xein il ħrafa kollha tat-tabakk, li trid aktar minn kelmtein ḡaliha biss: biss nitlobkom li tkunu ħorox aktar milli tistḡu, fuq il bicca tat-tipyip.

Fuq ix-xoḡol tat-tfal, wisq ftit ḡandi x' inḡidilkom: ix-xoḡol taḡhom hu il-loḡob, u aktar ma ikunu żḡar aktar ma ḡandhom yaħdmu xein.

Fil ħwienet ma ḡandhomx yinbagtu

ckeiknin wisq; dak l-eḡluq kmieni u ix-xoḡol ḡal jurnata kollha imarradhom; wisq ftit tfal li yidħlu f'ħanut u ma iħallux wara ftit ḡax yixbḡu.

Fir-rħula nara spiss tfal yerfḡu qfief tqal wisq ḡal żmienhom, u yijbdu xi karrettuni żgar tal ħaxix u xi ħweyyej oħra: qatt tinseu saħħet it-tfal, u ftakru li yekk tħassruhielhom, ineffqukom wisq aktar mill ftit li yaqelḡu: iż-żahra li taqta' ckeikna u tbiḡha ħabba, yekk tkabbarha u taḡmilha larinja ijjiblek sitt ħabbiet u aktar ukoll.

---

## XI.

## IS-SWAT U IL BIZA'

*Is-swat ħarej mill Jenna, kull min iduqu yithenna*; iḡid il malti; imma bħal proverbii l-oħra kollha bil maqlub tiḡu hemm ieħor iḡid illi *bil kelma it-taiba toħroj il far mit-toqba.* Is-swat anqas ma hu ḡall bheyyem: dan ma yaḡmel ebda jid la fir-ruħ u anqas fil

jisem tat-tfal. Yekk tifel ifettillu b' ħaja ħażina u inti issawwtu, m'hux biss illi ma tneħħihelux minn rasu, imma ifittex illi yaġmilha aktar fis bil moħbi tiġek; bis-swat isir yoboġdok u iddarrih qalbu ħażina u ħayyen. Yekk bil ħlewwa kollha tfiehmu il ġaliex dik il ħaja hi ħażina, inti iddaħħallu f'rasu, ġalkemm ma yafx yaħseb sewwa, x'inhu l-aħyar tiġu u yaħrab dak kollu li yista' iġallih. Fil herra mbaġad wisq drabi wieħed yinsa x'ikun qieġed yaġmel, u yati fein jie jie fuq jisem uliedu; rait tfal mixħutin ma l-art hekk bil qawwi li ġal ftit ma qasmux rasħom; oħrain ijebbdu widnei uliedom sa itarrxuhom; xi daqqiet fuq iż-żaqq, ponnïet fuq is-sider ma yonqsux. Dan littfal yaġmlilhom deni wisq, jisimhom hekk tari yitħassar b'xein; id-daqqiet fuq ir-ras yaġmlu it-tfal boloh, u fuq sdirhom yistġu ineħħulhom id-demm u imarrduhom rqiq rqiq; dan is-swat yaġmilhom bħal bheyyem u iħarraxhom iżyed yeu yitlaqhom ġal kollox.

Hekk ukoll yingad gas-swat ta beiniethom—tara ħafna nies b'xirfhom kollu yogxeu yarau it-tfal yitqabdu u yinbxuhom kemm yistgu u ixewwxuhom gal xulxin. Barra minn dak id-deni li semmeina tad-daqqiet, idarrihom yifirħu bid-deni ta sħabhom, jelledin u bla ebda mħabba lein tfal oħra; ma ikunu yistgu yilagbu ma ħadd, ma yaqblu ma ħadd; ideihom merfugin gal kull xein u ħadd ma ikun irid yagmilha magħom mħabba kif ijibu ruħhom ħażin ma sħabhom. Meta nara tfal fittrieq yitgiddmu beiniethom, yatini li nidneb yen u nati xebga lil min ikun qieged isewwishom.

Wara is-swat yiji il biża'; naf missiriet hekk ħorox illi biex ibeżżgu ittfal laħqu dendluhom jo fomm il bir; daun it-tfal ikunu mwerwrin minn missierhom, m'hux gax gandhom qima galih, imma galiex meta yarau lilu, yiftakru fin-nerf, fic-cinga yeu fil ħabel — daun it-tfal ma ikunu yisweu

xein, u ftit iridu biex isiru ibatu b'tal qamar u mard ieħor ikreh bħalu.

Il bicca kbira ta l-ommïet m'hu-miex ħorox hekk, u ftit ḡandi x'inḡi-dilhom ḡas-swat; imma huma ḡandhom bicca oħra li taḡmel deni kbir lit-tfal: huma ibeżżḡuhom, u yaqelḡu elf ħaja biex iwaħħxuhom biha. Tektik mal bieb u leħen oħxon biex it-tifel yorqod hïa ħaja ta kull yum; waħda ara jei sarangu, u l-oħra ara jei il babau, dik hekk u dik hekk, u l-imseiken ta tifel yibża', yinjabar jo qoxortu u yitrekken imwerwer: b'hekk, yaħasra, aktarx idum ma yorqod, u yekk yorqod, yoħlom ħażin u yistenbaħ imferfer u mbellah.

Oħrain ibeżżḡuhom bit-tabib: ara jei it-tabib yaḡmillek jbara, u ara yaq-taḡlek mnieħrek, u ħweyyej oħra. Id-deni li yaḡmlu b'dan hua kbir wisq, ḡaliex meta ikunu morda, yena naf in-ḡidilkom ix-xenati li yaḡmlu meta yarau it-tabib; u la ikunu iridu iħalluh imisshom u anqas biss yarahom; u f'xi

mardïet, bħal tal grieżem yeų ġainein, dan il biża' yista' ikun ta ħsara kbira, ġaliex ma yistġux yinġamlu dauk il ħweyyej li yinħtieju.

Fl-aħħarnett biża' kiesaħ u li isir bla bżonn hu dak tal ħreyyef tal fatati; daqs kemm yieħdu gost it-tfal meta tġidilhom xi ħaja tal ġajeb u yibqġu ħalqhom miftuħ yisimġu, daqshekk ieħor yinsamtu u yitbikkmu, jie li rait xi uħud yitrieġdu, meta yisimġu dauk il ħreyyef bil waħx il baqar, bl-erwieħ, meitin, ġadam u elf ħmerïa oħra. It-tfal yidrau ħażin, ineħħu kull qalb, ma iridux yoqoġdu fid-dlam, ma imorru anqas sa kamrithom uħudhom; yitwerwru ġal kull ħoss u yibqġu yibżġu minn dellhom ġal ġomorhom kollu.

---

## XII.

## IT-TAĠLIM.

Ġajla ġat-taġlim tat-tfal ma ġandu ġax ikollkom xein—moħħhom xein la

tibdeu tħabbluħulhom kmieni. It-taglim tat-tfal ġandu ikun ġall ewwel żmeniet fil kliem u fl-eġmil li isir quddiemhom. It-tfal minġair ma tkunu taħsbu fihom xein, deyyem widneihom miftuħa biex yisimġu xi tkun tġid u ġaineihom iżejj'ju biex yarau x'inti taġmel, u malli yistġu yaġmlu b'ħalek ukoll; ġaldaqshekk il kliem quddiemhom ġandu ikun deyyem miżun u l-aġmil xieraq biex ma tnisslux fil moħħ tari taġhom ebda drawwa ħażina; it-tqassis fuq in-nies u ħweyyej bħalu, ġandu ma yintaġmilx aktar quddiem it-tfal.

Wieħed ukoll irid iġallimhom billi iwejibhom sewwa u minġair ma iġidilhom ħaja b'oħra ġal dauk il mistoqsiet li yaġmlu; qatt tidħku bihom, biex ma tħalluhomx yitqarrqu waħda, u l-oħra biex ma yidraux l-ikreh vizziu li hu tal gideb.

Minġair ma toqġodu iddeyyquhom bi prietki yeu orazioniet twal wisq, li

iraqqduhom, ğallmuhom fi ftit kliem li hemm Alla; li ğandhom ruħhom li ma tintemm qatt; u li ğandhom yağmlu il jid lil ğairhom u yaħarbu iddeni; illi ikollhom qima lein min hu akbar minnhom, f' kelma waħda li huma nsara; u dan ğeduhulhom bil ħlewwa kollha, li yistğu yifhmukom.

Darruhom mijbudin lein il ħweyyej sbieħ li Alla ħalaq; darruhom tal ħniena ma l-annimali u uruhom il kefrïa ta min yaħqarhom; darruhom iħobbu is-sijar, il fiuri; yitğaxxqu bl-ağsafar, il baħar u id-daul ta qamar u li yidheu iħarsu lein inkuatri sbieħ, statui u ħweyyej oħra bħalhom.

Ğall ewwel itilqulhom f' ideihom xi kotba bli stampi li yieħdu gost bihom u fl-istess żmien yitağllmu minnhom; imma qabel ikollhom sitta yeu seba' snin, ma ğandkomx tibağtuhom fi skeyyel u anqas ijjağluhom yitğallmu yaqrau u yiktbu aktar minn xi ittra lhaun u lhinn. Fuq il ħiniet li ğand-

hom idumu l-iskola wara dan iż-żmien, fuq id-daul, l-aria li hemm yinħtieju, m'hix ħaja li ḡandi nḡidha haun yen; imma qabel nispicca irrid inḡidilkom fuq fuq xi kelma fuq l-iskeyyel *tannuna.*

Malli it-tfal yieqfu nitfa bil qieḡda fuq sijju, ħafna ommïet biex yeħilsu minnhom, yibaḡtuhom l-iskola tannuna. Bosta nisa ftit imdaħħlin fiż-żmien, xi waħda li metilha ir-rajel yeu xi xbeiba aktarx kbira, biex iḡinu ruħhom xi ftit, yifthulek skola u yistednulek il jirien biex yibaḡtu it-tfal taḡhom, bla ma yaħsbu xein la ḡal wisa, u la ḡall ħweyyei l-oħra li yinħtieju. F'dan l-isbaħ żmien ta ħayyithom, l-aqwa ḡat-trobbïa taḡhom, it-tfal, wisq drabi, isibu ruħhom stivati fuq xulxin, xitwa u saif, jo xi gabuba, fein in-nuna torqod, tiekol, u tḡammar, iḡidu ir-rużariu il jurnata kemm hi twila; la nitfa tac-caqliq, la ftit aria taiba, u angas biss xi ħaja li tfarrajhom xi ftit. Daun it-tfal, yaħasra,

ikollhom mitt sena biex yasal nofs in-nhar ħalli imorru id-dar; imma bosta nies yibaḡtulhom hemm ukoll l-ikel, u iżommuhom hemm maḡluqin ḡal disa' yeu ḡaxar siḡat. It-tfal isiru qalbhom seuda, sfairin u imorru ta kull fil ḡodu b'ħafna aḡyat, donnhom seyyrin ḡal meut. Ma hemmx bżonn inḡidilkom il ħsara li dan yaḡmel littfal—tayyeb kieku illi huma yinbaḡtu f' xi skola—imma dina trid tkun kbira, b'ħafna aria u daul, u b'xi bitħa fein it-tfal yistḡu yimirħu u yitħabtu ḡal qalbhom; u ma tridx tħallihom hemm aktar minn saḡtein fil ḡodu, u tnein oħra yeu tlieta wara nofs in-nhar. Huduhom yieklu id-dar biex fil mixya yieħdu ftit aria, u fuq il meida yitḡallmu kmieni ijibu ruħhom sewwa. Aktar ma ikunu ftit f'daun l-iskeyyel aħyar ḡalihom, ḡaliex isaħħnu anqas l-aria u ma ikunux marsusa ma xulxin. Il mard tal ḡainein, tal grieżem, issoḡla konvulsiva, il ħożba u mard ieħor li yittieħed, l-aqwa taż-żmien,

yinżammu f'daun l-iskeyyel: ḡaldaqshekk meta fil payyiż ikun hemm ħoss ta dan il mard tibaḡtu it-tfal xein.

---

## IT-TFAL FIL MARD.

Sabiex naḡlaq sewwa it-taḡlim fuq *is-saħħa tal ulied,* nḡid xi ħaja kif ḡandkom idduru bihom meta yimirdu.

L-ommiet ḡandhom ifittxu deyyem iduru bihom huma, ḡaliex bħalhom ħadd ma yista' ikollu l-imħabba u il ħrara li yarahom imfeyyqin; malli mbaḡad tarau illi il marda ma hix ħafifa u ta ftit, ḡandu yitfittex it-tabib. Rait tfal isiru ḡadma u jilda bil ħass ħażin, u li nieshom, yeu ḡax iḡidulek *snien* yeu *ħniex,* ma yeħduhomx ḡand it-tabib qabel ma yarauhom yerfḡu. Oħrain imbaḡad, li uliedhom ikunu qeḡdin yinfneu b'xi marda ħarxa, ifettlilhom li kollu jei mill *qtieḡi,* ituhom imḡaqqad, nbid imsewwi, jriewi mḡol-

lïa, demm tal fkieren u elf ħmerïa oħra, u yibqgħu msabbrin yarauhom ininu bla għainuna ta ħadd.

Lit-tabib għandkom tgħidulu il ħrafa mill ewwel sa l-aħħar, xein ma taħbu, u issemmu yekk ikollkom xi ħtïa ukoll; kollox bil għaqal, mingħair għajeb u it-tifsir tagħkom; tifhmu u tagħmlu sewwa kull ma igħid, u m'hux dak biss li yaq-bel mal fehma ta raskom, ma titfixklu xein u ma iccafalsu xein minn raikom.

Aktar minn mita ikunu qawwïin, in-dukraulhom it-tmigħ fil mard; il ħalib t'ommhom mogħti bil ħinïet għandu ikun ikilhom kollu, yekk ckeiknin. L-omm ma għandhiex taqta' qalbha u tintilef; trid tkompli mat-tarbïa, toqgħod f'si-kitha biex ma traddax imbergħen, għaliex bein il mard u bein il ħalib imferfer it-tarbïa tegħreq iżyed. Meta huma mfarfrin, il brodu ħafif u il ħalib tal mogħża, waħdu yeu bil misħun. Il ħa-lib ma hu ħażin qatt, anqas fil mard tal imsaren: u yagħmel ħażin min yaħ-seb li il ħalib ijib id-diarrea, dina aktar

tiji bis-smid u b'ḡajin ieħor; deyyem iżda ıl moḡża trid tkun b'saħħitha. Il ħalib li yitqallḡu maḡqud it-tfal, yiji ḡax tatuhulhom bla ḡaqal yeu barra mill ħin. Yekk ikunu mitluqa iż-żeyyed, ftit nbid bl-ilma ma yaḡmlilhomx ħażin; imma deyyem bl-ordni tat-tabib. Cikkulati, jelatini, ħlewwiet u ħweyyej tqal bħalhom, gandhom yitbieḡdu mit-tfal, ḡaliex daûn ma yaḡmlux ħlief iḡabbu l-istonku li ma yistax ijerraḡhom, u ikattru il mard.

Hafna nies ḡandhom ḡâda ma yaħslux it-tfal, iżda l-indafa tinħtiej wisq iżyed fil mard: m'hux li iddaħħluhom fl-ilma kiesaħ bħal dari, imma il ħasil bil fietel yaḡmlilhom jid wisq. Fil ħożba, jidri u mard bħalhom il banyu sħun iħeffef il ħruj u iserraħhom middeni tiḡu. Fil konvulsioniet iraqqad in-nervi. Yekk huma mitluqin iż-żeyyed li it-tqanqil iħarbathom, xarrbuhom bi sponża miblula fil misħun fietel bi ftıt ħall u hekk iżżomuhom deyyem ndaf.

Il lbies tas-sodda ħafif u deyyem nadif, biddel malli yitħammej: ma ħemmx aġar mir-riħa tal morda li ma ikunux indaf. Fid-deni ġażel; fil mard tas-sider franelli. Min yista' ġandu ifittex kamra l-aktar imbieġda; min ma yistax, ifittex iżommha mill aktar kwieta. M'hux maġluqa iż-żeyyed; imma bid-daul u mrewwħa, minġair riħ fuq it-tarbïa. Fid-deni ġandha tkun aktarx friska, iżda fil mard tas-sider, nitfa tas-sħana taiba; is-sħana m'hux minnifsïet tan-nies li yinjabru ma dwar il marid u li ijennub bil aġyat. Tarbïa marida tkun bużżieqa u meta torqod iserraħha wisq u yaġmlilha jid aktar mill medicini; ġalhekk bieġdu in-nies u żommu il kwiet, aktar imbaġad fil mard tar-ras yeu tal moħħ, mardïet li fihom sad-daul yaġmel id-deni u li iridu id-dlam fil kamra.

Malli yimirdu ijbruhom jewwa: dauk li ġandhom bżonn l-aria ta barra iġidilkom it-tabib.

Il mistriħ fis-sodda yaġmlilhom

tayyeb, l-aktar fid-deni: fil ħojor żommuhom mill anqas, ġax ikissirhom wisq u ikompli yitlaqhom. Lożor deyyem ndaf, purtieri u xkiel ieħor mill anqas.

Tfal madwar tarbïa mariḋa xein; aħyar ġaliha u ġalihom; yekk il mard yittieħed, yaħtiej li it-tfal yitbieġdu u mill aktar fis.

Taħbita kbira trid biex tatihom il medicini; meta yitħalltu max-xorb taġhom m'hux ħażin; imma xi ħweyyej ma yitħalltux u kull ma irid isir, biż-żeġil, bit-talb, bil loġob u dak issabar kollu li l-ommïet biss ġandhom. Iżda meta il marda tkun qawwïa iżżeyyed u il medicina tinħtiej wisq, l-aħyar iżżommilhom ideihom, issoddilhom mneħirhom, u kif yiftħu ħalqhom tinbukkahielhom u tindokra li ma ixxerraqhomx.

TMIEM.